# L-Iskola Primarja tal-Floriana u r-Rabta ma' San Publju

**Stephen Miceli** - *Kap tal-Iskola*

L-Iskola Primarja tal-Floriana hija meqjusa bħala waħda mill-ewwel skejjel li kien hawn fi gżiritna. Jeżistu reġistri li juru biċ-ċar, li kmieni sa mis-sena 1893 diġà kienu jattendu t-tfal f'din l-iskola għat-tagħlim u l-edukazzjoni tagħhom.

Sa ftit tas-snin ilu din l-iskola kien jisimha għal Antonio Galea, li huwa l-fundatur tal-*Malta Union of Teachers.* Meta kien għad għandu biss 29 sena, Antonio Galea kien ħajjar lill-għalliema kollha sabiex jingħaqdu f'*Union* li kellha tħares id-drittijiet tagħhom. Skont irħama kommemorattiva li hemm fis-sala tal-iskola, dan seħħ nhar it-22 ta' Novembru tas-sena 1919. Illum, l-iskola, flimkien ma' tnax oħra, tifforma parti mill-Kulleġġ San Ġorġ Preca. Dan huwa ta' unur għalina lkoll għax Dun Ġorġ kien ġie ddikjarat Beatu fuq il-fosos tal-Floriana, ftit passi biss bogħod mill-iskola tagħna. U dan żgur kien providenzjali: li teżisti din ir-rabta nazzjonali bejn Dun Ġorġ u San Publju - bħala żewġ ċittadini Maltin li qegħdin igawdu mill-privileġġi tal-qdusija u l-unuri tal-artali.







Barra minn hekk, l-iskola tikkonsidra lil San Publju bħala l-Padrun ewlieni tagħha u dan tagħmlu b'diversi modi.

Ta' kull sena tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Publju, kemm dik liturġika fit-22 ta' Jannar, kif ukoll dik esterna li tiġi ċċelebrata ħmistax fuq l-Għid il-Kbir. Minn xi snin 'l hawn, minn meta jien ġejt afdat bit-tmexxija ta' din l-iskola, kont ktibt quddiesa u talb apposta għat-tfal sabiex jintużaw waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa f'dawn il-ġranat speċjali. Ta' min isemmi s-Salm Responsorjali li huwa miktub forma ta' poeżija - innu ta' għaqda eterna bejn il-qaddisin Pawlu u Publju. Interessanti wkoll huma t-Talbiet ta' Interċessjoni li fihom hemm riferenzi għal San Publju taħt id-diversi titli li bihom huwa mżejjen: qaddis, prinċep, martri, dixxiplu, padrun u Malti. Wara t-Tqarbin ukoll tingħad talba lill-Mulej sabiex jagħmilna tajbin fuq l-eżempju ta' San Publju.

L-għalliema, speċjalment dawk Furjaniżi, kull sena jagħmlu minn kollox sabiex irawwmu fit-tfal

devozzjoni lejn il-qaddis u jipparteċipaw fit-tixrid tal-kult Publijan mat-tfal tal-klassijiet tagħhom. Dan isir b'diversi modi: *special assemblies* dwar l-istorja tal-qaddis, rakkonti ta' stejjer, krafts, santi, żjajjar fil-knisja parrokjali u żjajjar ta' wirjiet b'rabta mal-qaddis f'bosta mkejjen pubbliċi u anke privati, fil-lokalità tal-Floriana.

Ta' min isemmi l-laqgħa kbira li kienet saret fl-iskola tagħna fit-12 ta' Marzu 2008, meta l-Arċisqof ta' dak iż-żmien, Mons. Pawlu Cremona kien qed jagħmel iż-żjara pastorali fil-Parroċċa tal-Floriana. Dakinhar, it-tfal kollha kienu tellgħu rappreżentazzjoni oriġinali, miktuba mill-għalliema s-Sinjura Rita Aquilina. Din kienet titratta dwar kif il-Maltin tal-imgħoddi kienu għexu n-nawfraġju ta' San Pawl u kif Publju sar jaf b'dan il-bniedem hekk straordinarju li kien għadu kif ħelisha mill-mewt - mhux biss għax ħelisha mill-għarqa iżda wkoll, għax ma ġralu xejn wara li kienet gidmitu lifgħa valenuża. Niftakar li lill-Arċisqof kien impressjonah il-fatt kif, kontra kif naqraw fl-Atti tal-Appostli, Ms. Aquilina kienet ħadet kollox mill-perspettiva tal-Maltin. Għal dik l-okkażjoni qassamna santa ta' tifkira li fiha jidher ukoll San Publju.

Fid-daħla tal-iskola, fis-sena 2014, kienu saru żewġ murali kbar b'rabta mal-Floriana. Dawn kienu tpittru mis-Sur Rayvin Galea u juru lill-Padrun San Publju u lill-Fundatur il-Granmastru Manoel de Vilhena.

Bla ebda dubju teżisti ko-operazzjoni sħiħa bejn it-tmexxija tal-iskola u t-tmexxija tal-parroċċa u permezz tat-tnejn flimkien, qed issir ħidma fejjieda sabiex fit-tfal kollha titrawwem kultura ta' mħabba lejn it-twemmin tagħna u lejn il-kult reliġjuż, li xi minn daqqiet jinħass li qed jonqos qatigħ fil-ġenerazzjonijiet iż-żgħar.

Wieħed jittama li dak kollu li ħadmu u tant stinkaw għalih missirijietna ma jintesiex, iżda jibqa' ħaj fil-qlub u fl-imħuħ tat-tfal u ż-żgħażagħ – li huma l-futur ta' pajjiżna. B'hekk ikollna garanzija li San Publju, u miegħu, il-festi tant sbieħ li nafu norganizzaw aħna l-Maltin ma jispiċċawx fix-xejn.



# Missjunarji tal-Ħniena

Fost l-1,173 missjunarju tal-ħniena li l-Papa Franġisku għażel biex fis-sena tal-Ħniena jxerrdu l-ħniena t'Alla, nhar l-10 ta' Frar, Ras ir-Randan, kien hemm żewġ Franġiskani Maltin - Patri Marcello Ghirlando OFM u Patri Stephen Magro OFM, dan tal-aħħar Furjaniż devot kbir ta' San Publju. Dawn iż-żewġ patrijiet Maltin ser ikunu qegħdin ikomplu jsegwu l-passi ta' San Publju, l-ewwel Malti li ra u pprattika l-ħniena ta' Alla. Nawguraw minn qalbna lil dawn iż-żewġ ħutna fi Kristu, u nżommuhom f'talbna, biex ikomplu bix-xogħol siewi tagħhom fuq l-eżempju ta' Kristu u San Publju.